MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 117/2022 LM

**Liudmyla Dushyna u b'digriet tal-21 ta' Novembru, 2023, l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti ġew maħtura Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Liudmyla Dushyna**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] fid-19 ta' Settembru, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda l-proċeduri intavolati mir-

rikorrenti **Liudmyla Dushyna** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'] kontra l-intimata, kif ġej:

> *"Therefore, although the Board should in fact decline to take further cognizance of the appeal, due to the late registration of the appeal with no explanation, given the fact that the appellant is Ukrainian, is referring this appeal to the Principal Immigration Officer to review the irregularity and to notify this Board with its decision.*
>
> *The Board is also requesting Identity Malta to review this case, taking into consideration the mishaps and circumstances that led to her application being filed late by her employer, and thus, causing her to be illegally present in Malta.*
>
> *One must take here into consideration the fact that if the appeal is deemed to be* fuori termine*, the appellant will have to return to Ukraine, and this Board is not informed of the situation of return to this country which is, of common knowledge, a warzone.*
>
> *The Board orders that this decision be served on all the parties immediately and also the Principal Immigration Officer."*

**Fatti**

2. L-Identity Malta Agency fl-20 ta' Jannar, 2022 irrifjutat l-applikazzjoni għal *Single Permit* intavolata mir-rikorrenti, għaliex ġie stabbilit li l-prinċipal prospettiv tar-rikorrenti intavola din l-applikazzjoni f'isimha waqt li r-rikorrenti ma kienitx qiegħda f'Malta legalment. Ir-rikorrenti ġiet infurmata wkoll li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma rregolarizzax is-soġġorn tagħha f'Malta, u għalhekk hija kienet qiegħda titqies bħala immigrant illegali *ai termini* tas-sub-artikolu 5(2)(e) tal-Kap. 217. Ir-rikorrenti, permezz tal-appell imressaq minnha quddiem il-Bord, talbet li din id-deċiżjoni fil-konfront tagħha tiġi kkunsidrata mill-ġdid. Qalet ukoll li hija aġixxiet *in buona fede* u ħadet ħsieb li tissottometti d-dokumentazzjoni kollha mitluba minnha. Ir-rikorrenti spjegat li hija waslet

Malta fl-14 ta' Settembru, 2021, u għalhekk il-perijodu ta' żmien li hija kellha sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha beda jiddekorri mal-wasla tagħha f'Malta. Qalet ukoll li l-applikazzjoni saret f'isimha mill-persuna li kellu jimpjegaha. Spjegat li l-prinċipal prospettiv tal-appellata kellu jqatta' xi żmien barra minn Malta, u fil-fatt ħareġ minn Malta fit-18 ta' Ottubru, 2021. Żiedet tgħid li minħabba r-restrizzjonijiet li ġew introdotti minħabba l-pandemija tal-Covid-19, il-prinċipal prospettiv tagħha seta' jirritorna Malta biss fl-14 ta' Diċembru, 2021, u anki wara r-ritorn tiegħu f'Malta, huwa kellu jqatta' xi żmien fi kwarantina preventiva. Qalet li għalhekk kien hemm diversi ostakoli li minħabba fihom l-applikazzjoni tagħha ma saritx fil-ħin. Ir-rikorrenti qalet ukoll li r-raġunijiet mogħtija għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni tagħha, huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u huwa għalhekk li hija qiegħda tappella minn din id-deċiżjoni.

3. L-intimata wieġbet li l-ittra tagħha ta' rifjut fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rikorrenti inħarġet fl-20 ta' Jannar, 2022, fejn ir-raġuni li ngħatat kienet li r-rikorrenti tinsab Malta bi ksur tar-Regolament 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. L-intimata spjegat li fit-12 ta' Jannar, 2022 ir-rikorrenti ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha għal *Single Permit* sabiex tkun tista' taħdem u tgħix f'Malta, u waqt l-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni ġie stabbilit li r-rikorrenti kienet qiegħda Malta irregolarment. L-intimata spjegat li mit-timbri fuq il-passaport tar-rikorrenti, jirriżulta li hija kienet daħlet Malta fl-14 ta' Settembru, 2021, u għalhekk hija kienet ilha Malta madwar tliet xhur meta applikat għall-permess ta' residenza. L-intimata spjegat li minflok deċiżjoni ta' rifjut, in vista tal-fatt li r-rikorrenti kienet qiegħda Malta bi ksur tar-Regolament 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, ġie infurmat l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni bil-ħsieb li l-i*status* tar-rikorrenti bħala immigranta jiġi

regolarizzat. L-intimata qalet li għalkemm il-każ tar-rikorrenti ġie mressaq quddiem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, l-istat ta' irregolarità li qiegħda fih ir-rikorrenti baqa' ma ġiex regolarizzat.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-19 ta' Settembru, 2022, il-Bord iddeċieda li m'huwa ser jieħu l-ebda konjizzjoni tal-appell tar-rikorrenti in vista tat-tardività tiegħu, u li l-każ tagħha kellu jiġi riferut mill-ġdid lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, in vista tal-fatt li r-rikorrenti hija ċittadina Ukrena, kif ukoll talab lill-intimata tirrevedi l-każ in kwistjoni mill-ġdid, wara li tieħu konjizzjoni tad-diversi ċirkostanzi li wasslu biex l-applikazzjoni tar-rikorrenti ddaħħlet tard, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1.**Preliminary***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 20th January, 2022, Identity Malta Agency stated that at the moment the application (fn. 1 Application reference number **R98082141**) was submitted, that is, on 12th January 2022 (according to the Agency), the appellant was not legally present in Malta or legally present elsewhere in the European Union, and consequently, was not in a state of compliance with Regulation 8 of S.L. 217.17;*

*Saw that an appeal was registered on 6th February, 2022;*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 14th April, 2022.*

*2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board*

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb***

***et vs. Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence that they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board observed that according to the receipt issued by its secretariat, the appeal was filed on 6th February, 2022. Furthermore, emails exchanged between the Board's secretariat and appellant's legal counsel with a view to opening the appeal are dated 24th February, 2022. In those emails, appellant's legal counsel confirmed that the appellant received the Agency's decision on 20th January, 2022.*

*The Board refers to Article 25 A (7) of the Immigration Act, which states that appeals are to be filed within three working days. Even if one were to take 6th February, 2022 as the date the appeal was filed, such would still be well beyond three working days from 20th January, 2022. In her appeal, the appellant did not explain why the appeal was being filed beyond the applicable time limit.*

*The Board in this particular case is making an exception due to the fact that the appellant living in Malta is Ukrainian.*

*The Board notes in the reply by Identity Malta that the PIO did not regularise her position, however in reading the appeal and checking the documents, the Board realises that the circumstances of the employer led to a late application being filed with Identity Malta, the consequences of which, are being suffered by the appellant.*

***Decision***

*Therefore, although the Board should in fact decline to take further cognisance of the appeal, due to the late registration of the appeal with no explanation, given the fact that the appellant is Ukrainian, is referring this appeal to the Principal Immigration Officer to review the irregularity and to notify this Board with its decision.*

*The Board is also requesting Identity Malta to review this case, taking into consideration the mishaps and circumstances that led to her application being filed late by her employer, and thus, causing her to be illegally present in Malta.*

*One must take here into consideration the fact that if the appeal is deemed to be* fuori termine*, the appellant will have to return to Ukraine, and this Board is not informed of the situation of return to this country which is, of common knowledge, a warzone.*

*The Board orders that this decision be served on all the parties immediately and also the Principal Immigration Officer."*

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fid-29 ta' Settembru, 2022, l-intimata hawnhekk l-appellanta, talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tikkonferma d-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Jannar, 2022, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

6. L-appellanta spjegat li b'deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Jannar, 2022, hija rrifjutat applikazzjoni tal-appellata għal *Single Permit,* abbażi tal-fatt li din l-applikazzjoni saret mill-appellata meta ma kienitx legalment preżenti f'Malta u lanqas f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk bi ksur tar-regolament 8(1)(ċ) tal-Liġi Sussidjarja 217.17. L-appellanta qalet li hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni illegali ta' immigranti, u għalhekk b'mod *ex gratia,* ressqet il-każ tal-appellata quddiem l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li baqa' ma rregolarizzax il-pożizzjoni tagħha. L-appellanta qalet li meta l-appellata appellat mill-imsemmija deċiżjoni quddiem il-Bord, hija kienet tardiva, għaliex dan l-appell ġie rreġistrat fl-24 ta' Frar, 2022. L-intimata qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord.

7. Fl-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta qalet li t-terminu impost fl-artikolu 25A(7) tal-Kap. 217, ma ġiex rispettat, u għalhekk l-appell quddiem il-Bord kien wieħed tardiv. Qalet li l-artikolu 25A(7) tal-Kap. 217 jistipula li kwalunkwe appell mid-deċiżjoni tagħha, għandu jitressaq quddiem il-Bord fi żmien tliet ijiem tax-xogħol, iżda jirriżulta li filwaqt li d-deċiżjoni ta' rifjut tagħha ngħatat fl-20 ta' Jannar, 2022, l-appell ġie intavolat fl-24 ta' Frar, 2022. L-appellanta qalet li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija waħda perentorja u għalhekk tista' titqajjem f'kull stadju tal-proċeduri, anki fl-istadju tal-appell, u

għalhekk minkejja li din l-eċċezzjoni ma tqajmitx qabel, hija qiegħda tqajjimha f'dan l-istadju. L-appellanta qalet li fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord osserva li l-appell kien intavolat tardivament, iżda nnota wkoll li l-appellata hija ċittadina Ukrena, u abbażi ta' dan il-fatt laqa' l-appell u ordna li l-intimata tirrevedi d-deċiżjoni tagħha, u dan sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-appellanta jkollha tirritorna lura lejn l-Ukraina, li bħalissa tinsab fi stat ta' gwerra. L-appellanta qalet li fi sforz sabiex jaċċerta li l-appellanta ma tintbagħatx lura f'pajjiż fejn hemm gwerra għaddejja, il-Bord għamel diversi konsiderazzjonijiet żbaljati. L-appellanta qalet li fl-ewwel lok, mhuwiex minnu li jekk l-appell tagħha quddiem il-Bord ma jiġix milqugħ, l-appellata awtomatikament tintbagħat l-Ukraina, u dan għaliex din id-deċiżjoni hija fdata f'idejn l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li jista' jordna *return decision.* L-appellanta qalet ukoll, li l-kwistjoni dwar jekk għandhiex tintlaqa' l-applikazzjoni tal-appellata għal *Single Permit,* m'għandhiex tiddependi fuq il-kwistjoni dwar x'jiġri mill-applikanta jekk l-applikazzjoni tagħha ma tiġix milqugħha. L-appellanta spjegat li konsiderazzjonijiet bħal jekk persuna huwiex ser ikollha tirritorna f'pajjiż fejn tkun suġġetta għal trattament inuman, jew f'pajjiż fejn hemm il-gwerra, huma konsiderazzjonijiet li jsiru meta wieħed japplika għall-ażil. Qalet li s-*Single Permit* m'għandux jingħata b'sentiment ta' ħasra jew protezzjoni, għaliex huwa permess li jirrigwarda l-bżonnijiet tax-xogħol fil-pajjiż. L-appellanta qalet li għalhekk il-Bord ma kellux jieħu konsiderazzjoni ta' dawn il-fatturi, u jisma' appell tardiv. L-appellanta qalet li fi kwalunkwe każ, l-appellata dejjem ser ikollha l-fakoltà li tapplika għall-protezzjoni sussidjarja jew għall-ażil. Qalet ukoll li terminu għall-preżentazzjoni ta' appell huwa wieħed perentorju, u għalhekk ma jistax jiġi estiż, għall-ebda raġuni, lanqas fejn ikun jidher li hemm raġuni

valida għal dan. L-appellanta qalet li din mhijiex kwistjoni fejn parti baqgħet kontumaċi, u l-Qorti abbażi tar-regoli tal-proċedura kkonċediet terminu itwal għall-intavolar tar-risposta, u għalhekk, anki li kieku l-appellata tat raġuni għat-tardività tagħha, dan it-terminu xorta waħda ma setax jiġi estiż. L-appellanta qalet li ladarba r-rikors tal-appell quddiem il-Bord ġie intavolat *fuori termine,* wara li kien għadda t-terminu ta' tliet ijiem imposti bil-liġi, dan l-appell kellu jiġi ddikjarat null u bla effett.

9. Permezz tat t-tieni aggravju tagħha, l-appellanta qalet li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u tad-data tal-applikazzjoni. L-appellanta qalet li hija qatt ma setgħet tilqa' l-applikazzjoni tal-appellata *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, liema liġi ttrasponiet id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, għaliex din id-Direttiva tipprovdi li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment fl-Istat Membru jew fi Stat Membru ieħor sabiex jintavola applikazzjoni. L-appellanta qalet li ladarba jirriżulta li l-applikazzjoni ġiet intavolata minn ċittadin terz li kien jinsab hawn Malta illegalment, u peress li la l-liġi Maltija u lanqas id-Direttiva Ewropea 2011/98/UE ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, l-appellanta kienet korretta meta m'aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellata.

10. L-appellanta qalet li għalkemm hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregola l-pożizzjoni irregolari tal-applikanti, bil-ħsieb li tkun tista' tassisti lill-applikanta

sabiex tintavola applikazzjoni ġdida b'mod li tkun f'Malta legalment, hija xorta waħda kkomunikat mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li ddeċieda li ma jirregolarizzax il-pożizzjoni tal-appellata. L-appellanta qalet li mhijiex il-mansjoni tal-Bord li jsalva applikazzjonijiet, imma l-Bord huwa tenut li japplika l-liġi bl-istess mod u manjiera fil-konfront ta' kull applikant. L-appellanta qalet li fi kwistjonijiet bħal dawn, l-appellata tibqa' ċittadina ta' pajjiż terz, u għalhekk huwa irrilevanti jekk id-diffikultà u t-tardività sussegwenti, ġewx ikkawżati minn terzi bħal ma huwa l-prinċipal prospettiv. Qalet li ladarba hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni irregolari tal-applikanta, liema mansjoni hija fdata f'idejn l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, il-Bord huwa tenut jara li l-appellanta applikat il-liġi b'mod korrett fil-konfront tal-applikant u skont il-fattispeċi tal-każ, u mhux jagħlaq għajn waħda jew saħansitra jinjora d-dettami tal-liġi sabiex isalva applikazzjoni.

11. Waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2023, il-Qorti ġiet infurmata li l-appellata ma kienitx għadha tirrisjedi f'Malta, u għalhekk l-appellanta talbet lill-Qorti tordna l-ħatra ta' kuraturi deputati in rappreżentanza tal-appellata. Waqt l-istess udjenza, il-Qorti ordnat li ssir il-ħatra tal-kuraturi deputati għall-assenti minn dawk li jmisshom it-*turn* fl-elenku, u saret komunika dwar dan lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali. Jirriżulta li minkejja li l-kuraturi deputati maħtura mill-Qorti ppruvaw jikkomunikaw mal-appellata fl-indirizzi misjuba fil-proċess, tnejn minn tliet ittri ġew ritornati lura lill-kuratur deputat stante li l-indirizz in kwistjoni baqa' ma nstabx, u l-ittra l-oħra ma ġietx imwieġba. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet, għalkemm baqgħet ma ddaħħlet l-ebda risposta f'isem l-appellata għall-appell tal-appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru għan-nom tal-appellata.

*L-Ewwel Aggravju: [It-tardività tal-appell]*

13. L-appellanta qalet li l-Bord qatt ma kellu jikkunsidra l-appell intavolat mill-appellata, għaliex dan kien wieħed tardiv u ppreżentat ferm wara li għaddew it-tliet ijiem stipulati bil-liġi mid-deċiżjoni ta' rifjut. Jirriżulta li l-Bord, minkejja li kien ben konxju mill-fatt li l-appell tal-appellata ġie intavolat tardivament, xorta waħda għamel numru ta' konsiderazzjonijiet dwar dan il-każ, senjatament għaliex l-appellata hija ċittadina Ukrena li waslet f'Malta u applikat biex tingħata *Single Permit* ta' residenza u xogħol proprju ftit jiem biss qabel faqqgħet il-gwerra fl-Ukraina. Fil-konsiderazzjonijiet tiegħu l-Bord qies li jekk l-appell tal-appellata ma jiġix ikkunsidrat, hija awtomatikament tintbagħat lura f'pajjiżha fejn bħalissa hemm il-gwerra, u għalhekk talab li l-każ tagħha jiġi rivedut mill-ġdid kemm mill-appellanta kif ukoll mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni.

14. Il-Qorti tibda billi tirrileva li jirriżulta ampjament ippruvat li l-appell intavolat mill-appellata kien wieħed tardiv, u filwaqt li d-deċiżjoni ta' rifjut tal-applikazzjoni tagħha ngħatat fl-20 ta' Jannar, 2022, l-appell tagħha ġie ppreżentat fis-6 ta' Frar, 2022, u għalhekk kien *fuori termine.* Huwa evidenti li

l-appellata ħalliet perijodu ta’ żmien twil wisq jgħaddi qabel ma ntavolat l-appell tagħha, u dan mingħajr m’għamlet tentattiv sabiex tiġġustifika din it-tardività tagħha. Il-Bord kellu jikkunsidra fl-ewwel lok u qabel kull konsiderazzjoni oħra, jekk l-appell intavolat mill-appellata setax kien null in vista tat-tardività tiegħu. Il-fatt li l-appellata hija ċittadina Ukrena, u li jeżisti r-riskju li jekk il-qagħda tagħha hawn Malta ma tiġix regolarizzata, hija jkollha tirritorna lura f’pajjiż fejn bħalissa hemm il-gwerra, ma jagħtix lill-Bord il-fakoltà li jaċċetta appell li huwa null għaliex ġie intavolat bi ksur tat-terminu perentorju stabbilit fil-liġi. It-termini perentorji huma ta’ ordni pubbliku, u għalhekk ma jistgħux jiġu estiżi jew b’xi mod injorati. Din il-Qorti tirrileva li jekkli l-appellata għadha f’Malta, hija xorta waħda għandha għad-dispożizzjoni tagħha rimedji sabiex tirregolarizza l-qagħda tagħha f’Malta, iżda f’dawn iċ-ċirkostanzi mhuwiex il-kompitu tal-Bord li jirregolarizza il-qagħda tagħha f’Malta. Lanqas m’għandha tkun l-appellanta li tagħmel dan. Meta kienet rinfaċċjata bl-applikazzjoni għall-ħruġ ta’ Permess Uniku ta’ residenza u xogħol, l-appellanta għamlet l-evalwazzjoni tagħha tas-sitwazzjoni u taċ-ċirkostanzi li fihom saret it-talba tal-appellata, u qieset li l-applikazzjoni tagħha għandha tiġi rifjutata. L-appellata ttentat tappella minn din id-deċiżjoni, iżda l-appell tagħha kien tardiv, u għalhekk kellu jitqies li huwa null. Il-Qorti hawnhekk taqbel mal-appellanta, li r-rifjut tal-appell tal-appellata m’għandux awtomatikament iwassal għat-tkeċċija tagħha minn Malta, u hemm modi oħra kif hija tista’ tirregolarizza s-sitwazzjoni tagħha, kif wara kollox irnexxielhom jagħmlu mijiet ta’ persuni li joriġinaw mill-istess pajjiż tal-appellata, u li waslu f’Malta wara l-24 ta’ Frar, 2022. Din il-Qorti iżda ma tistax tinjora l-fatt li ladarba l-appell kien tardiv, kien

hemm ksur ta' liġi li hija ta' ordni pubbliku, u għalhekk dan l-appell kellu jiġi ddikjarat li huwa null.

15. In vista ta' din id-deċiżjoni tagħha, il-Qorti m'hija sejra tieħu l-ebda konjizzjoni tat-tieni aggravju tal-appellanta, li qiegħda tgħid li l-Bord kellu jiddeċiedi li hemm ksur tar-Regolament 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Il-Qorti mhijiex ser tidħol f'dak il-mertu, ladarba l-appell tal-appellata minn din id-deċiżjoni tal-appellata qiegħed jiġi dikjarat li huwa null u mingħajr effett.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mill-appellanta, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju, u tiddikjara l-appell intavolat mill-appellata quddiem il-Bord bħala tardiv u għalhekk mingħajr effett, u għaldaqstant tikkonferma d-deċiżjoni ta' rifjut tal-appellanta tal-20 ta' Jannar, 2022.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**